Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,635, 30 ta' April, 2026

Taqsima B

A.L. 135 tal-2026

ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għal-Laundries

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru responsabbli għal impiegi u relazzjonijiet industrijali għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu, bidu fis-seħħ u applikabbiltà.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għal-Laundries.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Gazzetta.

(3) Id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-ordni għandhom japplikaw għall-impjegati kollha f'kwalunkwe impriża jew parti minn impriża, li l-attivitajiet tagħha jikkonsistu għalkollox jew prinċipalment f'tindif bi proċessar ta' wet jew dry cleaning, pressar, għotja tal-kulur jew tiswija bl-idejn jew bil-magni ta' ħwejjeġ ta' kull għamla, xoqqa tal-għażel u tagħmir tad-djar, u għall-impjegati kollha f'kwalunkwe laundry f'lukanda fejn tali laundry ma tkunx immexxija esklussivament għall-użu tal-lukanda u l-viżitaturi tagħha:

Iżda f'każ illi jkun hemm ftehim kollettiv applikabbli għall-klassi ta' impjegati li huma koperti b'dan l-ordni, il-kondizzjonijiet l-iktar favorevoli f'dak il-ftehim jew f'dan l-ordni għandhom jipprevalu.

Tifsir.

2. F'dan l-ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali; Kap. 452.

"festi tas-soltu" tfisser il-ġranet, għajr il-Ħdud, iddikjarati għal dak iż-żmien bħala festi pubbliċi taħt l-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra; Kap. 252.

"ftehim kollettiv" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"ġimgħa" tfisser ġimgħa kalendarja;

"ġurnata" tfisser perjodu li jibda minn 12:00a.m. ta' ġurnata sa 12:00a.m. tal-ġurnata ta' wara;

"ħin doppju" tfisser d-doppju tar-rata attwali ta' ħin applikabbli għal impjegat;

"ħin u nofs" tfisser darba u nofs tar-rata attwali ta' ħin li tapplika għal impjegat;

"ħinijiet tax-xogħol" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"impjegat part-time" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"impjegat whole-time" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"nofs ta' nhar" tfisser perjodu ta' tnax (12)-il siegħa konsekuttivi li jispiċċa fis-1:00 p.m. jew fis-1:00 a.m.;

"paga" tfisser remunerazzjoni jew qligħ li jitħallas minn prinċipal lil impjegat u tinkludi kwalunkwe bonus li jitħallas skont l-artikolu 23 tal-Att, għajr kwalunkwe bonus jew allowance relatat mal-prestazzjoni jew mal-produzzjoni;

"perjodu tal-impjieg" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

L.S. 452.87.

"perjodu ta' mistrieħ" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

Ħinijiet ta' xogħol.

3. Il-paga minima fil-gimgħa għandha tkun fir-rigward ta' ġimgħa mhux aktar minn:

(a) tnejn u erbgħin (42) siegħa xogħol bejn April u Settembru u tmienja u tletin (38) siegħa xogħol bejn Ottubru u Marzu fil-każ ta' ħaddiema whole-time għajr għassiesa; u

(b) erbgħa u ħamsin (54) siegħa xogħol fil-każ ta' għassiesa.

Pagi minimi ta' impjegati whole-time.

4. L-impjegati whole-time għandhom ikunu intitolati għall-pagi minimi fil-ġimgħa li ġejjin:

(a) għassiesa li d-dmirijiet tagħhom isiru prinċipalment

ġewwa.....€309.74;

(b) għassiesa li d-dmirijiet tagħhom isiru prinċipalment barra.....€313.82;

(ċ) impjegati whole-time oħra.....€229.44.

Allowance tal-uniformi.

5. (1) Meta l-impjegat ikun meħtieġ li jilbes uniformi fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu, tali uniformi għandha tkun ipprovduta mill-prinċipal mingħajr l-ebda ħlas.

L.S. 646.13.

(2) It-tagħmir protettiv personali skont ir-Regolamenti dwar Rekwiżiti Minimi għall-Użu ta' Tagħmir Protettiv Personali fuq ix-Xogħol għandu wkoll jingħata mill-prinċipal mingħajr l-ebda ħlas.

Ħin minimu ta' mistrieħ kuljum.

6. L-impjegati whole-time, għajr l-għassiesa, għandhom jingħataw intervalli għall-ikel u mistrieħ ta' mhux anqas, fl-aggregat, minn siegħa (1) kuljum.

Il-mistrieħ minimu fil-ġimgħa.
L.S. 452.87.

7. L-impjegati kollha għandhom ikunu intitolati għal perjodu ta' mistrieħ kull ġimgħa skont ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

Rati minimi ta' sahra.

8. (1) Fil-każ ta' impjegati whole-time, għajr għassiesa, is-sahra għandha titħallas kif ġej:

(a) għall-ħin kollu maħdum 'il fuq minn tnejn u erbgħin (42) siegħa fil-ġimgħa bejn April u Settembru u għall-ħin kollu maħdum 'il fuq minn tmienja u tletin (38) siegħa fil-ġimgħa bejn Ottubru u Marzu..... ħin u nofs;

(b) fil-każ ta' impjegati li jaħdmu ġimgħa ta' ħamest ijiem u nofs (5 ½), is-Sibt inkluż, għall-ħin kollu maħdum 'il fuq minn seba' sigħat u erbgħin minuta (7.40), f'kull ġurnata mit-Tnejn sal-Ġimgħa jew iżjed minn erba' (4) sigħat nhar ta' Sibt bejn April u Settembru, u għall-ħin kollu maħdum 'il fuq minn sitt sigħat u ħamsa u erbgħin minuta (6.45), f'kull ġurnata mit-Tnejn sal-Ġimgħa jew iżjed minn erba' (4) sigħat nhar ta' Sibt bejn Ottubru u Marzu..... ħin u nofs;

(ċ) fil-każ ta' impjegati li jaħdmu ġimgħa ta' ħamest (5) ijiem, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, għall-ħin kollu maħdum 'il fuq minn tmien sigħat u nofs (8 ½) bejn April u Settembru u għall-ħin kollu maħdum 'il fuq minn seba' sigħat u nofs (7 ½) bejn Ottubru u Marzu..... ħin u nofs;

(d) għall-ħin kollu li jinħadem fil-Ħdud..... ħin doppju;

(e) għall-ħin kollu li jinħadem fil-festi tas-soltu b'żieda

mal-paga tal-festi..... ħin doppju:

Iżda għandha titħallas lill-impjegati whole-time kollha, għajr għassiesa, sahra bil-ħin u nofs:

(a) għall-ħin kollu maħdum 'il fuq minn erbgħa u tletin (34) siegħa f'xi ġimgħa li fiha vaganza tas-soltu taħbat f'kwalunkwe ġurnata bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa, jew 'il fuq minn tmienja u tletin (38) siegħa meta tali festa taħbat nhar ta' Sibt, bejn April u Settembru; u

(b) għall-ħin kollu maħdum 'il fuq minn wieħed u tletin (31) siegħa f'xi ġimgħa li fiha festa tas-soltu taħbat f'kwalunkwe ġurnata bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa, jew aktar minn erbgħa u tletin (34) siegħa meta tali festa taħbat nhar ta' Sibt, bejn Ottubru u Marzu, f'kull każ eskluż il-ħin imħallas bir-rata ta' sahra.

(2) Għandha titħallas sahra bir-rata ta' ħin u nofs lill-għassiesa għall-ħin kollu maħdum 'il fuq minn erbgħa u ħamsin (54) siegħa f'perjodu ta' sitt (6) ijiem konsekuttivi, u bir-rata ta' ħin doppju għall-ħin kollu maħdum fis-seba' (7) ġurnata u, jew f'festa tas-soltu, iżda jekk festa tas-soltu tigi fis-seba' (7) ġurnata, is-sahra għandha titħallas biss bir-rata ta' ħin doppju.

Leave għal vaganza. L.S. 452.87.

9. L-impjegat għandu jkun intitolat għal-leave kull sena skont ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

Leave għal mard.

Kap. 318.

10. (1) L-impjegat whole-time għandu f'kull sena kalendarja jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' tnax (12)-il ġurnata leave għal mard b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u l-impjegati part-time għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-leave għal mard f'sigħat b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, liema ammont għandu wkoll jiġi kkalkulat fuq bażi *pro rata*:

Iżda:

(a) l-ewwel tlett (3) ijiem ta' kull talba għal-leave għal mard għandhom jitħallsu interament mill-prinċipal;

(b) għandu jiġi ppreżentat ċertifikat mediku lill-prinċipal li jkopri l-perjodu tal-assenza fil-ġurnata tar-ritorn għax-xogħol jew, jekk tali perjodu ta' assenza teċċedi sebat (7) ijiem, fi żmien sebat (7) ijiem mill-bidu ta' tali assenza minħabba leave għal mard;

(ċ) l-impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-fini ta' kalkolu ta' ħlas għal-leave għal mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Kap. 318.

(2) L-impjegat whole-time għandu f'kull sena kalendarja jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' sitta u tletin (36) ġurnata oħra leave għal mard b'nofs paga, nieqes ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u l-impjegati part-time għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-leave għal mard f'sigħat b'nofs paga, nieqes ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, liema ammont għandu wkoll jiġi kkalkulat fuq bażi *pro rata*: Kap. 318.

Iżda:

(a) l-ewwel tlett (3) ijiem ta' kull talba għal-leave għal mard għandhom jitħallsu b'nofs paga mill-prinċipal;

(b) għandu jiġi ppreżentat ċertifikat mediku lill-prinċipal li jkopri l-perjodu tal-assenza fil-ġurnata tar-ritorn għax-xogħol jew, jekk tali perjodu ta' assenza jeċċedi sebat (7) ijiem, fi żmien sebat (7) ijiem mill-bidu ta' tali assenza minħabba fil-leave għal mard;

(ċ) l-impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-fini ta' kalkolu ta' ħlas għal-leave għal mard dovut, għandhom jitqiesu li rċevew ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Kap. 318.

(3) Il-jeddijiet tal-leave għal mard għandhom japplikaw mill-ewwel (1) jum ta' impjieg:

Iżda l-imsemmija jeddijiet għandhom jiġu kkalkulati *pro rata* skont id-data tal-bidu tal-impjieg fis-sena kalendarja relattiva.

(4) Għall-finijiet tas-subartikoli (1) u (2), interruzzjoni fl-impieg ta' mhux aktar minn tmienja u erbgħin (48) ġurnata ma għandhiex tinterrompi l-kontinwità tas-servizz.

(5) Il-prinċipal jista' jitlob ċertifikat mediku maħruġ minn

tabib tal-għazla tiegħu li jiċċertifika li l-impjegat ma kienx tajjeb għax-xogħol matul il-perjodu ta' assenza.

(6) Id-dritt ta' leave għal mard għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi provduta għal-leave annwali kif speċifikat fir-regolament 8(1) tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

L.S. 452.87.

Ħin ta' stennija.

11. L-impjegat għandu jkun intitolat għall-ħlas tal-paga minima applikabbli għalih għall-ħinijiet kollha li matulhom ikun preżenti fil-fond tal-prinċipal tiegħu ħlief meta huwa jkun preżenti hemmhekk f'xi waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) mingħajr il-kunsens espliċitu jew impliċitu tal-prinċipal;

(b) għal xi raġuni li ma hijiex relatata max-xogħol tiegħu u li ma jkunx qiegħed jistenna li x-xogħol jiġi assenjat lilu;

(ċ) unikament minħabba l-fatt li huwa jirrisjedi hemmhekk;

(d) matul il-ħinijiet normali tal-ikel f'kamra jew post fejn ma jkun qed jitwettaq l-ebda xogħol jew mhux qiegħed jistenna xi xogħol sabiex jiġi assenjat lilu.

Tipi ta' leave oħra.

L.S. 452.101.

12. L-impjegati għandhom ikunu intitolati għall-festi nazzjonali u għall-festi pubbliċi kollha b'paga sħiħa, kull forma ta' leave skont ir-Regolamenti dwar Dritt Minimu ta' *Leave* Speċjali u għal kull forma oħra ta' leave ieħor li jista' minn żmien għal żmien jiġi stipulat f'Ordni ta' Standard Nazzjonali jew f'kwalunkwe regolamenti magħmula taħt l-Att.

Tħassir u riżervi.

L.S. 452.19.

L.S. 452.53.

13. L-Ordni għal Kunsill tal-Pagi għall-*Laundries* u l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għall-*Laundries* biex jirregola l-Pagi huma b'dan imħassra bla ħsara għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħthom.